MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1300/1999/1

Diane Lia fil-kwalita` taghha ta' legittima rapprezentanta ta' binha minorenni Sammy (ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali b'digriet 108/98)

**-vs-**

**Mohamed Melikechi**
**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-22 ta' Ottubru 1997 Diane Melikechi illum Lia twelditilha tarbija bl-isem ta' Sammy u din kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. A;

Premess illi qabel it-twelid tat-tarbija imsemmija u meta kienet diga` tqila, Diane Lia izzewget lil Mohamed Melikechi (Certifikat taz-zwieg anness mac-citazzjoni Dok. B);

Premess illi t-tarbija twieldet waqt iz-zwieg u fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija il-konvenut Mohamed Melikechi gie indikat bhala missier it-tarbija;

Premess illi fil-fatt missier it-tarbija hija terza persuna, tant li Diane Lia saret taf lill-konvenut Mohamed Melikechi meta hi diga` kellha seba' xhur tqala;

Premess illi l-istess Mohamed Melikechi diga` irrikonoxxa dan l-istat ta' fatt, u cioe` li huwa ma huwiex missier il-minuri Sammy f'kuntratt ta' separazzjoni minn ma' Diane Lia datat 13 ta' April 1999 (Dok. C anness mac-citazzjoni);

Talbet ghalhekk l-attrici *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi missier il-minuri Sammy mhuwiex il-konvenut Mohamed Melikechi, izda terza persuna;

2. Tiddikjara li hemm zball fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Sammy bin-numru 4152/1997, u dan fl-ewwel kolonna fejn hemm isem il-missier u fil-kolonni l-ohra fejn jidhru d-dettalji tal-missier;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Sammy bin-numru 4152/1997 fis-sens illi fejn isem missier Sammy huwa indikat bhala Mohamed Melikechi dan jigi kancellat u sostitwit bil-kliem "*unknown father*" u dan oltre li jithassru mic-certifikat imsemmi d-dettalji kollha li jirreferu ghall-konvenut Mohamed Melikechi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatt li taw lok ghal kawza odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici kien imissha talbet il-kancellament tal-kliem "*the said*" mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm fl-att tat-twelid numru 4152/97;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, peress li l-attrici qeghda taghmel talbiet li jekk jintlaqghu ser ikollhom effetti rriversibbli fuq il-hajja tal-minuri in kwistjoni, jinhtieg li din l-Onorabbli Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici;

4. Illi in vista tal-fatti li c-cirkostanzi li wasslu ghat-talba ta' korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 4152/1997 huma ghal kollox estranei ghal konvenut odjern, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din il-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat illi l-konvenut Mohamed Melikechi ghalkemm notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh bil-procedura ta' l-affissjoni, baqa' ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 2001 li permezz tieghu giet nominata bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Audrey Demicoli biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Dwar il-filazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta' azzjonijiet:-

(a) L-azzjoni ta' diskonixximent jew 'denegata` paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu 70);

(b) L-impunjattiva ta' l-istat legittimu tat-tifel prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75);

(c) Ir-ricerka tal-paternita` li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza wkoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk prevvist fl-Artikolu 85;

Huwa logiku illi t-tifel ghandu d-dritt li jikkontesta l-istat ta` iben legittimu kif hekk qed isir fl-istanza odjerna;

Intqal a propositu fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXVI P I p 1**:-

"U tabilhaqq, a contrariu sensu ta' l-Artikolu 94 (illum Artikolu 81) il-ligi taghti lit-tifel id-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid ta' iben legittimu meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' dak l-att tat-twelid ...";

L-unika limitazzjoni li t-tifel jista' jkollu f'din ir-ricerka hi fejn l-att tat-twelid jkun konformi mal-pussess ta' l-istat tieghu,

kif ahjar ezemplifikat fl-Artikolu 80 tal-Kap. 16. Dan ifisser illi fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e` inamissibile*" (**Vol. XXIV P I p 427**), u allura t-tifel ma jkunx jista' jirreklama stat divers minn dak attribwit lilu mill-att tat-twelid u mill-pussess ta' stat;

Bl-azzjoni proposta t-tifel, tramite r-rapprezentanza ta' ommu, qed jittanta jattakka proprju r-regola, jew ahjar, il-presunzjoni stabbilita ex Artikolu 67 tal-Kodici Civili fejn insibu affermat illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu";

Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss '*juris tantum*' u ssir '*juris et de jure*' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (**Vol. XXXVII P II p 768**);

Fi kliem iehor, "*il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso; ed e` in questo caso che non e` dato al figlio reclamare uno stato diverso da quello attributogli dall` atto di nascita` e dal possesso di stato, e non e` lecito muovere controversia sopra lo stato legittimo di colui che l`atto di nascita`, il nome, la fama ed il trattamento additano come figlio del marito della donna che, provata la maternita` col parto e colla identita` della prole, egli ha per madre.*" (**Vol. XXIII P II p 128**);

Minn dan s'issa stabbilit huwa ovvju illi meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81, Kap. 16 - jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat – ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, allura, il-paternita` legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi ta' fatt li jigu apprezzati mill-gudikant, kif hekk del resto jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili;

Fil-kaz in disamina jirrizulta illi l-minuri jipposjiedi att tat-twelid li juri li hu iben il-konvenut Mohamed Melikechi. Dan wahdu jikkostitwixxi prova legali tal-paternita` legittima tieghu.  B'danakollu mill-provi l-ohra akkwiziti ma jirrizultax illi l-istess minuri ghandu wkoll dak il-pussess ta' stat ta' iben legittimu konformi ghal dak l-att tat-twelid in kwantu mill-fattijiet li l-ligi fl-Artikolu 80 tal-Kodici Civili tistabilixxi bhala li jikkostitwixxu dak l-istat jonqos zgur il-fatt mahsub f'inciz (2)(b) ghall-Artikolu 80, u cioe` li l-imsemmi konvenut ittratta lil minuri bhala ibnu.  Dan huwa sahansitra konsolidat mill-apprezzament li trid tinghata d-dikjarazzjoni espressa fl-att tas-separazzjoni tat-13 ta' April 1999 fejn il-konvenut accetta li l-minuri ma kienx l-iben legittimu tieghu tant li sahansitra irrinunzja ghal kull dritt ta' access ghalih;

Hemm ukoll l-aspett l-iehor raffigurat f'subinciz (2)(d) ta' l-imsemmi Artikolu 80 illi l-membri tal-familja qatt ma irrikonoxxew lill-konvenut bhala missier it-tifel izda anzi ta' wiehed Malti. Ara deposizzjonijiet ta' Lourdes Farrugia u ta' Josephine Vassallo, hut l-attrici omm, kif ukoll tax-xhud Dominic Bonnett;

Abbinat ma' dan kollu hemm ukoll il-fatt ovvju illi ma jidhirx li jista' jinghad li tezisti fil-kaz *de quo* ic-certezza tal-presunzjoni stabbilita fl-Artikolu 68 tal-Kap. 16;

Dan l-artikolu jistabbilixxi t-terminu tad-durata minima u massima tat-tqala biex fuqhom tkun fondata l-presunzjoni tal-legittimita` tal-minuri b'mod li jkun jista' jinghad li dak l-iben tnissel matul iz-zwieg u per konsegwenza jitqies li hu iben zewg ommu (Artikolu 67);

Mill-provi rakkolti ma jirrizultax li t-terminu specifikat fl-imsemmi artikolu hu attendibbli f'dan il-kaz;

Jirrizulta illi z-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut sar fit-18 ta' Settembru 1997 mentri t-tifel twieled fit-22 ta' Ottubru 1997, jigifieri ferm qabel il-mija u tmenin gurnata miz-zwieg, kif f'dak id-dispost tal-ligi espress;

Tenut rigward tal-fattispecji f’dan il-kaz hemm certament lok ghar-rettifikazzjoni mitluba fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddikjara ghalhekk li t-tifel minuri Sammy, ghal liema jirreferixxi c-certifikat ta’ l-Att tat-Twelid Numru 4152/97 ma huwiex iben Mohamed Melikechi zewg l-attrici Diane Melikechi nee` Lia imma tifel ta’ missier ignot;

Tordna li fl-imsemmi Att tat-Twelid, u li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process, issir il-korrezzjoni opportuna billi l-isem tal-missier li jinsab hemm imnizzel bil-kliem “Mohamed Melikechi” jigi sostitwit bil-kliem “*unknown father*” ossija “missier mhux maghruf” u dan oltre li jithassru mic-certifikat hekk esebit id-dettalji, u kull referenza ohra, dwar, jew ghal, l-imsemmi Mohammed Melikechi.

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku ta’ l-attrici *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

______________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

___________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur